MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Numru 546/2006

Joseph u Anna konjugi Attard.

Vs

Silvana Buhagiar.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240.00), liema somma thallset lill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma u l-Korporazzjoni Enemalta mill-atturi ghan-nom tal-konvenuta fuq talba taghha stess, u liema somma baqghet ma thallsitx lura lill-atturi mill-konvenuta, u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 2005 u l-imghax legali mill-5 ta' Lulju 2005, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt peress illi l-atturi ghandhom huma stess ihallsu lill-esponenti ta' numru ta' effetti mobbli hekk kif miftiehem u kif ser jirrizulta waqt is-smiegh.  Salv eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda ta' l-attrici Anna Attard.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Joseph Attard.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Caruana prodott mill-atturi.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi kienu s-sidien tal-fond Flat 1, 'Coralba', Vjal l-Indipendenza, Mosta, sakemm bieghu dan l-istess post lill-konvenuta fl-14 ta' Awissu 2003.  Dakinhar stess tal-bejgh ittiehdu r-*readings* tad-dawl u ilma kif jigri ssoltu, izda l-formoli ffirmati miz-zewg partijiet, tat-trasferiment tas-servizzi tad-dawl u ilma, inghataw lill-Water Services Corporation fit-28 ta' April 2004.

Jidher li fil-frattemp, u cioe mid-data tal-bejgh tal-fond fl-14 ta' April 2003 sakemm sar it-trasferiment tas-servizzi mill-atturi ghall-konvenuta fit-28 ta' April 2004, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma appartenenti l-appartament in kwistjoni, thallsu kollha mill-atturi, alavolja kellhom fil-fatt jithallsu mill-konvenuta li wara kollox kienet il-proprjetarja l-gdida tal-fond u  kienet hi li qed taghmel uzu mis-servizzi.

Illi ghalhekk l-atturi ghamlu kalkolu tal-konsum tad-dawl u ilma tal-konvenuta bbazat fuq id-data meta ttiehdu r-*readings*, sad-data meta sar it-trasferiment tas-servizzi, u wasslu ghall-konkluzzjoni li l-ammont dovut mill-konvenuta, u mhallas minnhom, kien dak ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240).

Illi alavolja l-atturi ghamlu diversi tentattivi sabiex jigbru dan l-ammont minghand il-konvenuta, ma rnexxilhomx jaghmlu hekk, u l-konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont dovut minnha sa llum.

Illi minn-naha taghha, l-konvenuta naqset ghal kollox milli tipproduci kwalsiasi prova in sostenn tal-eccezzjoni taghha, u lanqas ma sar xi tentattiv da parti taghha sabiex tigi kontradetta t-tezi tal-atturi.  Ghalhekk dan it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux jilqa' t-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u disa u hamsin Ewro u hames centezmi (€559.05), ekwivalenti ghal Lm240, bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.  L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------